MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2008

Avviz Numru. 46/2000/1

Emmanuel u Rosaria konjugi Agius

vs

Joseph u Jane konjugi Grech

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi li bih talbu li l-konvenuti jigu kkundannati jhalsu lill-atturi s-somma ta’ erba’ mija u wiehed u tletin lira maltija u erbgha u sebghin centezmu (Lm431.74) jew ammont verjuri li jigi likwidat minn din il-Qorti rapprezentanti kumpens ghall-appogg ezercitat minnhom mal-hajt divizorju mibni mill-atturi fi Triq San Martin, Fontana, Ghawdex (Dok. A u B annessa);

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja spedita fit-30 ta’ Marzu 2000 u tal-ittra ufficjali mibghuta f’Mejju 2000; il-konvenuti mharrka ghas-subizzjoni;

Ghall-fini ta’ kompetenza gie dikjarat li l-ammont meritu l-kawza ma jeccedix is-somma ta’ Lm500.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:

1. l-intempestivita’ tal-azzjoni stante illi l-konvenuti qatt ma rrifjutaw li jhalsu sehemhom mill-appogg tant illi ddepozitaw is-somma ta’ mitejn u tnejn u ghoxrin lira (Lm222) ghand il-Perit Emmanuel Vella bhala hlas tal-appogg ta’ l-ewwel sular, liema somma kellha tithallas meta l-atturi jirrimedjaw il-mod perikoluz illi bih tqeghdu l-planki mill-atturi. Dan ix-xoghol rimedjali baqa’ ma sarx fl-interezza tieghu u fi kwalunkwe kaz tant dam ma sar illi l-istess cekk skada. Ghaldaqstant, l-esponenti m’ghandhomx ibatu spejjez;
**2.** subordinatament u bla pregudizzju ghas-sueccepit, il-konvenuti ghandhom jiehdu minghand l-atturi ghall-appogg tal-atturi mal-proprjeta’ tal-konvenuti u tal-ispazju li l-atturi okkupaw mill-hajt komuni fuq in-naha taghhom, liema kumpens ghandu jitnaqqas mill-kumpens irreklamat mill-atturi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-verbal tat-23 ta’ Jannar 2001 li fih gie nominat il-Perit Gordon Vella bhala perit tekniku;

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku nominat (folio 25 et seq);

Rat ix-xhieda tal-istess perit in eskussjoni;

Rat la-tti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-kawza titratta hlas ta’ appogg. Mal-avviz gew prezentati zewg dokumenti li jattestaw ghall-hlas li l-attur qieghed jippretendi li ghandu jithallas mill-konvenut li jirrigwarda

appogg ta’ zewg hitan wiehed fl-ewwel sular u l-iehor tas-sular ta’ fuqu. Dan il-fatt il-Qorti iddeducietu mhux tant mill-kontijiet ppresentati izda minn dak li eccepixxa l-konvenut fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu fejn jissemma li huwa kien iddepozita is-somma ta’ Lm222 ghand il-Perit Emmanuel Vella “bhala hlas ta’ appogg ta’ l-ewwel sular” ghaliex altrimenti u necessarjament m’hemmx avarija jew hemm avarija negligibbli fil-kejl fiz-zewg dokumenti.

Issa f’din il-kawza kien nominat perit tekniku. Ir-relazzjoni tieghu tinsab esebita folio 26 et seq tal-process. Mir-relazzjoni jirrizulta li l-hajt mibni mill-attur mhux mibni skond is-sengha u l-arti. Essenzjalment hemm zewg mankanzi, dik tal-invell u dik tal-planki. F’dak li ghandu x’jaqsam mal-invell il-Perit nominat ikkonstata illi il-hajt ghandu dislivell fit-tul ta’ madwar tlett pulzieri li huwa dislivell mhux gustifikat izda li fi kliem il-perit taghha “ma huwiex meqjus li jnaqqas b’xi mod konsiderevoli mill-integrita’ strutturali tal-hajt u ghaldaqstant ma huwiex ikkunsidrat illi ghandu jkollu effett konsiderevoli fuq ir-rata tax-xoghol” b’dan li l-perit nominat ikkonsidra accettabbli r-rata kkwotata. Mhux ukoll izda fir-rigward il-planki li dwarhom l-perit tekniku iqis rilevanti u ghandu effett fuq il-valur tal-appogg.  Il-Qorti fir-rigward fehmet illi l-attur effettivament invada b’xi erba pulzieri u nofs il-proprjeta’ tal-konvenut.

Illi kollox ma kollox il-Qorti tikkonsidra ‘arbitrio boni viri’ li ammont ta’ Lm300 ekwivalenti ghal 698.81 euro huwa ammont gust u reali li ghandu jithallas lill-attur mill-konvenut tal-appogg ezercitat minn dan ta’ l-ahhar.

Ghaldaqstant tiddisponi mill-kawza billi tikkundanna lill-konvenuti jhalsu lill-atturi s-somma ta’ sitt mija u tmienja u disghin euro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81).

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------